# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT
## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.

## Rikors Nru.: 235/2017 RM

## Francesco Pezzotti

## -vs-

## Cascone Porte e Finestre s.r.l.

**Illum, 12 ta' Frar 2020**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors tal-attur pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-25 ta' Awwissu 2017 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ammont ta' sebat elef u hames mitt Ewro (€7,500) rapprezentanti ammont imhallas mill-attur lis-socjeta` konvenuta in konnessjoni ma' xoghol kummissjonat lilha sabiex timmanifattura u tinstalla aperturi tal-PVC fil-proprjeta` tieghu gewwa High Ridge Madliena, Swieqi u peress illi s-socjeta` naqset milli taghmel dan ix-xoghol, hija ghandha tirrifondi l-ammont surreferit li thallas lilha akkont, bl-ispejjez u bl-interessi kontra s-socjeta` konvenuta.

Rat ir-Risposta[1] tas-socjeta` konvenuta pprezentata fit-22 ta' Jannar, 2018 fejn eccepiet is-segwenti:

1. *Illi t-talba ghall-hlas ta' €7,500 bl-ispejjez u bl-imghax hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attur u dan kif ser jigi ppruvat waqt il-kors tal-kawza;*

2. *Illi mhuwiex minnu illi s-socjeta' eccepjenti naqset milli taghmel ix-xoghol in kwistjoni izda ghal kuntrarju ma kienx possibbli ghaliha li tezegwihom stante illi l-attur dam ma jlesti xi xogholijiet li bilfors kellhom jigu ezegwiti qabel ma jigi mkejjel ix-xoghol li kellu jsir mill-esponenti;*

3. *Illi sussegwentement, minghajr ebda raguni valida fil-ligi, is-socjeta` esponenti giet imwaqqfa milli tkompli bix-xoghol;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-imsemmi kuntratt ta' xogholijiet m'hemm l-ebda zmien stipulat illi fih kellu jitlesta x-xoghol in kwistjoni;*

5. *Illi in oltre jigi rilevat illi mill-imsemmi ammont pretiz €1,352 diga` giet imhallsa gewwa l-Italja l-IVA ossija t-taxxa fuq il-valur mizjud, liema ammont certament li ma jistax jigi rifuz;*

6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' ordni ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef b'effett mit-18 ta' Lulju 2018[2];

[1] Fol. 10

[2] Fol. 25

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemghu quddiem il-Qorti diversament preseduta u rat il-provi u d-dokumenti kollha;

Rat l-atti kollha;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-partijiet waqt l-udjenza tat-28 ta' Novembru 2019;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

It-talba tal-attur f'din il-kawza hija ghar-rifuzjoni tas-somma li huwa hallas lis-socjeta` konvenuta ghat-twettiq tal-appalt lilha moghtija konsistenti fil-fornitura u istallazzjoni ta' diversi aperturi tal-aluminium fil-fond tal-istess attur gewwa l-Madliena, u dan minhabba allegat nuqqas ta' adempiment tal-appalt.

Is-socjeta` konvenuta tikkontendi illi l-appalt gie terminat mill-attur minghajr raguni valida u mhux minnu illi hija naqset milli twettaq l-appalt, ghaliex kien l-attur stess li impedixxa l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet appaltati minhabba dewmien fit-tlestija ta' xogholijiet ohrajn li kellhom necessarjament jigu kompletati qabel seta' jigi ezegwit l-appalt in kwistjoni.

**PROVI**

Illi l-attur **Francesco Pezzotti** xehed[3] illi huwa kien dahal fi ftehim ma' Antonio sive Saro Cascone li huwa sid tas-socjeta` konvenuta, biex jiffornixxi l-aperturi fid-dar tieghu. F'Dicembu 2015 huwa nghata quotation (Dok FP1). Huwa

[3] Affidavit ipprezentat fit-13 ta' Gunju 2018, fol. 20 – 23.

ghadda s-somma ta' €7,500 permezz ta' zewg pagamenti fit-12 u 13 ta' Jannar, 2016. Fl-ahhar ta' Gunju 2016 beda jitlob lil Cascone sabiex jistalla l-aperturi pero` huwa qallu li ma setax jaghmel dan ghaliex is-sollijiet tat-twieqi kienu ghadhom ma twahhlux. Meta dawn eventwalment waslu biex jigu mwahhla, Cascone kien infurmah illi kien se jkollu jistenna sa Ottubru ghaliex il-fabbrika fl-Italja minn fejn igib il-materjal kienet se tkun maghluqa minhabba l-ferjat tas-sajf. Minhabba li fil-post tal-attur kien se jkun hemm l-ghamara u minghajr aperture kien se jigrilha l-hsara, huwa nforma lil Cascone u qallu li kien se jqabbad terzi sabiex jaghmlu l-aperturi huma. Fil-fatt, dawn l-aperturi saru minn terzi f'temp ta' hmistax u kienu lesti fl-ahhar ta' Lulju. Billi x-xogholijiet qatt ma saru, l-attur qieghed jitlob r-rifuzjoni tad-depozitu li hu kien hallas lis-socjeta` konvenuta.

**In kontro-ezami, l-attur xehed**[4] illi Cascone irrifjuta li jiehu l-kejl ghaliex is-sollijiet ma kienux installati. Jghid illi meta f'Awwissu 2016 is-socjeta` konvenuta infurmatu illi l-manifattur tal-profili kien bil-ferjat u ma kienx ser ikun possibbli li dawn jigu istallati qabel il-bidu ta' Ottubru, huwa inkariga kuntrattur iehor sabiex jiehu l-kejl mehtieg u jistalla l-aperturi, liema kejl sar u l-aperturi gew istallati ghad li s-sollijiet kienu ghadhom ma gewx imqeghdin f'posthom. Qal illi huwa ma setax jistenna sa Ottubru biex jigu istallati l-aperturi ghaliex dan ifisser illi l-intier tal-fond kellu jibqa' espost ghall-elementi. Izid jghid illi fil-fatt, min eventwalment fornixxa l-aperturi kien ha l-kejl minghajr is-sollijiet.

L-attur kompla jghid illi huwa kien ittermina l-appalt f'Gunju 2016 meta gie infurmat illi s-socjeta` konvenuta ma kienetx f'pozizzjoni li tiehu l-kejl biex jigi ordnat u li kellu jistenna sa Ottubru. Huwa jghid illi fil-ftehim li kellu ma' Cascone m'hemmx miktub illi d-depozitu jinghata lura f'kaz illi l-ftehim

[4] 7 ta' Frar 2019.

jithassar, u jghid ukoll illi s-socjeta` konvenuta qatt ma baghtitlu invoice izda kienet ipprovdietlu biss quotation bl-ispecifikazzjonijiet tal-aperturi.

**Joanna Bartolo** in rapprezentanza ta' Bank of Valletta p.l.c., ikkonfermat[5] illi s-somma komplessiva ta' €7,500 kienet thallset mill-kont bankarju ta' Francesco Pezzotti lill-kont bankarju ta' Cascione Porte e Finestre srl permezz ta' zewg trasferimenti bankarji li saru fit-12 ta' Jannar 2016 u fit-13 ta' Jannar 2016.

**Antonio Cascone**[6] dirigent tas-socjeta` konvenuta Cascone Porte e Finestre s.r.l., qal illi l-kumpannija tieghu kienet dahlet fi ftehim bil-miktub mal-attur, fil-15 ta' Dicembru 2015 sabiex jigu istallati fil-fond tal-attur aperturi tal-PVC, f'liema ftehim gew deskritti fid-dettall l-aperturi u l-materjal li kellu jintuza. Dan ix-xoghol kellu jsir bil-prezz totali ta' €25,000 u l-attur hallas is-somma komplessiva ta' €7,500 bhala depozitu. Zied jghid illi ghalkemm il-fond fejn kellhom ikunu istallati l-aperturi kien ezistenti, kienu qed isiru xi xogholijiet ta' restawr u rinovazzjoni fih u bejn Dicembru meta sar il-ftehim, u Lulju tas-sena ta' wara, il-kumpanija tieghu ma setghetx tiehu l-kejl mehtieg biex eventwalment jigu istallati l-aperturi ghaliex sabiex dan isir, id-dawra tal-aperturi kellha tkun lesta minn kollox u kellu jitqieghed ukoll is-soll tal-madum tal-istess aperturi.

Ix-xhud qal ukoll illi kien biss fil-bidu ta' Awwissu 2016 illi x-xogholijiet fil-fond kien waslu fi stadju illi l-kejl tal-aperturi seta' jittiehed, u jsostni illi l-attur kien infurmat illi jridu jghaddu bejn 30 u 45 gurnata wara li jittiehed il-kejl, sabiex il-profili jigu manifatturati u istallati. Izda billi l-kejl effettiv tal-aperturi ma setax isir qabel is-7 jew it-8 ta' Awwissu 2016, meta l-fabbriki gewwa l-Italja jkunu bil-ferjat, ix-xhud kien gharraf lill-attur illi l-manifattura tal-profili setghet tibda biss fl-1 ta' Settembru 2016 u kellhom imbaghad jghaddu bejn 30 u 45 gurnata ohra sabiex issir l-istallazzjoni.

[5] Xhieda tal-10 ta' Ottubru 2018.
[6] Xhieda tat-8 ta' Novembru 2018, fol. 35 - 51

Ix-xhud kompla jghid illi l-attur qallu li jehtieg li x-xoghol isir b'mod urgenti. Fisser ukoll illi l-kumpannija tieghu kienet diga` hallset lis-socjeta` Azzurre Finestre, li hija l-azjenda li tipproduci l-materjal ghall-profili, parti mid-depozitu li kien tah l-attur sabiex jigi rizervat il-materjal mehtieg biex jista' jigi prodott ix-xoghol. Ghamel ukoll referenza ghall-fattura datata 12 ta' Jannar 2016[7] u jghid illi huwa kellu jhallas it-taxxa gewwa l-Italja fuq din il-fattura, u jikkonferma li kien l-attur li kien qallu biex ma jkomplix u biex ma jinstallax ix-xoghol.

**In kontroezami, Antonio Cascone**[8] fisser illi l-importanza tas-sollijiet ma kienetx issemmiet espressament fl-iskrittura ghaliex il-ftehim ikun *standard* u ma jigix modifikat. Jghid illi l-ftehim mal-attur kien illi l-ordni tal-aperturi kollha ssir meta jkun hemm is-sollijiet u jkunu jistghu jittiehdu l-qisien. Qal ukoll illi verbalment, meta gie konkluz il-ftehim, huwa kien gharraf lill-attur illi l-ordni tigi attwata biss meta jittiehdu l-qisien, cioe` meta jkun hemm diga` s-soll istallat. Izda, jikkonferma illi l-ordni tal-aperturi effettivament baqghet ma saritx.

**Sebastiano Vicario** xehed[9] illi huwa kien il-persuna li kien imqabbad originarjament bhala kuntrattur mill-attur sabiex jaghmillu x-xoghol tal-aluminju PVC fl-aperturi tal-villa tieghu u li huwa kien, imbaghad, introduca l-attur lil Antonio Cascone ta' Cascone Porte e Finestre. Ix-xhud ikkonferma illi sabiex isir ix-xoghol ta' PVC tal-aperturi, irid ikun hemm ix-xogholijiet kollha kompluti, cioe` sollijiet kif ukoll il-kisi ta' madwar l-aperturi u dan sija sabiex jista' jittiehed il-kejl preciz u sija wkoll sabiex l-istallazzjoni tal-aluminium tkun koperta bil-garanzija. Fil-kaz tal-villa tal-attur, ix-xoghol ma kienx komplut u ghalhekk ma setax isir la kejl u lanqas installazzjoni ta' aperturi. Ikkonferma wkoll illi huwa flimkien ma' Antonio Cascone, kienu jispjegaw lill-attur kif kellu

[7] Dok. FP2, fol. 23.
[8] Xhieda 9 ta' Ottubru 2019.
[9] Xhieda tat-22 ta' Mwjju 2019, fol. 59 - 61

jsir ix-xoghol u kienu gharrfuh dwar il-htiega li jghaddu bejn 30 u 45 gurnata minn meta jsir il-kejl tal-aperturi fuq il-post, sakemm seta' jsir ix-xoghol ta' istallazzjoni. Jghid ukoll illi kien biss f'Awwissu illi l-attur kellu whud mis-sollijiet lesti sabiex l-aluminium seta' jigi ordnat, izda dak iz-zmien ma kienx possibbli li effettivament jigi ordnat ix-xoghol ghaliex gewwa l-Italja l-fabbriki jkunu maghluqin minhabba ferjat. Ix-xhud zied jghid illi l-attur kien qal lilu u lil Cascone illi jrid ix-xoghol tal-aluminium isir f'Awwissu stess, izda dan ma kienx possibbli. Qal li sar jaf ukoll illi l-attur kien diga` sab kuntrattur iehor biex jaghmel l-istess xoghol ta' PVC u ried juza l-iskuza li Cascone ma setax jipprovdilu x-xoghol f'Awwissu stess, proprju sabiex ikun jista' jingagga kuntrattur iehor. Skont ix-xhud, billi l-attur huwa Taljan, huwa konsapevoli tal-fatt illi fil-Milied u f'Awwissu l-fabbriki jkunu maghluqin, bhalma kien konxju wkoll tal-fatt illi x-xoghol tal-aperturi jrid ikun lest qabel jittiehed il-kejl.

Ix-xhud ikkonferma wkoll illi ma jahsibx illi kienu hadu l-kejl tal-aperturi ghalkemm uhud mis-sollijiet kienu lesti, u dan peress li l-attur qal li jrid ix-xoghol ikun lest f'Awwissu stess izda dan ma kienx possibbli. Izid jghid li billi huwa kien ingaggat mill-attur proprju sabiex jaghmel fost ohrajn, il-kisi madwar l-aperturi, huwa jaf illi sa Awwissu 2016 dan ix-xoghol ta' kisi ma kienx lest u dan ghaliex kien ghadu qed jahdem fuq xoghol ta' dawl gewwa l-fond. Madanakollu, l-attur waqqfu milli jkompli jahdem fil-fond ghaliex qallu li kien ingagga persuni ohrajn sabiex iwettqu dan ix-xoghol minfloku.

In kontro-ezami, ix-xhud ikkonferma illi huwa kien involut personalment fl-istadju inizzjali meta saru n-negozjati dwar l-ordni tal-aperturi tal-aluminium bejn Cascone u l-attur izda peress li huwa kien imqabbad mill-attur fuq xoghol iehor, ma baqax involut f'dawn in-negozjati. Imbaghad, wara li l-appalt tieghu mal-attur gie terminat, huwa kien telaq minn fuq il-lant tax-xoghol f'Settembru jew Ottubru, u ma jafx x'gara iktar. Skont ix-xhud, f'Settembru jew Ottubru,

qabel huwa telaq minn fuq il-lant tax-xoghol kien hemm diga` problemi rigward l-ordni tal-PVC ghaliex galadarba kien ghadda x-xahar ta' Awwissu, l-ordnijiet ma setghux isiru. Jichad illi l-attur kien qed jinsisti illi jkollu l-aperturi istallati biex il-post ma jkunx miftuh ghall-elementi ghaliex skont ix-xhud, il-post kien ghadu gebel u saqaf ghaliex huwa kien lahaq ghamel biss il-kisi u d-dawl. La kien hemm madum u lanqas mobbli fil-fond. Mistoqsi jekk f'Lulju tal-istess sena huwiex minnu li l-aperturi kienu diga` gew istallati minn terz appaltatur, ix-xhud qal li dan mhux possibbli ghaliex f'Awwissu huwa kien ghadu qed jahdem fuq il-lant tax-xoghol u l-problemi bdew f'Awwissu ghaliex il-fabbrika kienet maghluqa u s-Sur Cascone ma setax allura jibghat l-ordni barra. Ikkonferma illi huwa kien involut fil-kostruzzjoni tal-fond tal-attur, liema kostruzzjoni kienet lesta f'Mejju filwaqt li huwa beda jkollu problemi mal-attur bejn Lulju u Awwissu.

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-kaz kif jirrizultaw minn ezami tal-atti u tal-provi akkwiziti, huma s-segwenti.

L-attur inkariga lis-socjeta` konvenuta sabiex tipprovdi u tistalla aperturi tal-aluminium PVC ghall-fond tieghu, liema fond dak iz-zmien kienu qed isiru fih xogholijiet ta' kostruzzjoni u finituri minn diversi kuntratturi differenti. Skont kif jirrizulta minn dokument datat 15 ta' Dicembru 2015 li fih hemm imnizzla l-ispecifikazzjonijiet tad-diversi aperturi u profili li kellhom jigu istallati, il-prezz tal-appalt kien ta' €25,000. Hemm qbil illi l-attur hallas lis-socjeta` konvenuta depozitu akkont tal-prezz totali tal-appalt, f'zewg pagamenti komplessivament ammontanti ghas-somma ta' €7,500 skont fattura mahruga fit-12 ta' Jannar 2016.

L-attur isostni illi lejn l-ahhar ta' Gunju 2016 huwa gie infurmat minn Antonio Cascone illi l-ordni tal-profili ma setax isir qabel jittiehdu l-qisien precizi tal-aperturi, u irrifjuta li jiehu l-qisien ghaliex is-sollijiet tal-irham tal-aperturi kienu ghadhom ma tqieghdux u rrifjuta li jiehu l-qisien. Izda l-attur jghid illi meta huwa informa lill-appaltatur li dawn is-sollijiet waslu biex jitlestew, huwa wiegbu li kien wasal iz-zmien li l-fabbrika gewwa l-Italja tigi biex taghlaq ghall-ferjat tas-sajf u kellu jistenna sa Ottubru sabiex issir l-istallazzjoni. Billi l-intier tal-fond tieghu kien lest bil-kisi tal-gypsum u l-mobbli godda kienu waslu biex jigu kkonsenjati, l-attur ma riedx ihalli l-fond minghajr aperturi, u ttermina l-appalt. Fl-istess waqt, huwa inkariga lil terz kuntrattur sabiex ifornixxi l-profili tal-aperturi, u fi zmien hmistax, dawn kienu lesti u istallati kollha.

Is-socjeta` konvenuta da parti taghha, tikkontendi illi l-attur kien gie infurmat sa minn meta gie konkluz il-ftehim tal-appalt illi t-tehid tal-qisien tal-aperturi u kwindi l-ordni tal-profili mill-manifattur gewwa l-Italja, ma setax isir qabel il-kisi kollu tal-aperturi jkun lest u jitqieghdu wkoll is-sollijiet tal-irham. Issostni wkoll li l-attur kien mgharraf ukoll illi bejn l-ordni, u l-kunsinna tal-profili u l-istallazzjoni, kellhom jghaddu bejn 30 u 45 gurnata. It-tezi tas-socjeta` konvenuta hija illi kien biss fl-ewwel gimgha ta' Awwissu 2016 illi hija kienet f'pozizzjoni li tiehu l-qisien precizi tal-aperturi, u dan meta x-xoghol ta' kisi tal-aperturi kien gie finalment komplut u tqieghdu wkoll is-sollijiet, izda f'dan l-istadju kien tard wisq biex isir l-ordni tal-profili ghaliex il-fabbriki fl-Italja jkunu kollha maghluqin minhabba l-ferjat tas-Sajf. Issostni wkoll illi f'kull kaz, id-depozitu mhallas mill-attur ma jistax jigi rifuz ghaliex parti minnha kienet diga` ghaddiet ghand il-manifattur tal-profili gewwa l-Italja sabiex il-materjal jigi rizervat ghall-attur, u thallset ukoll it-taxxa fuq il-valur mizud gewwa l-Italja fuq il-fattura li nharget minnha fit-12 ta' Jannar 2016.

Ikkunsidrat;

Ghalkemm m'huwiex kontestat illi effettivament, is-socjeta` konvenuta baqghet qatt ma hadet il-qisien tal-aperturi u illi kwindi baqghet qatt ma sottomettiet l-ordni bl-ispecifikazzjonijiet ghall-produzzjoni tal-profili, jirrizulta li hemm nuqqas ta' qbil evidenti bejn il-partijiet sija dwar it-termini u kundizzjonijiet integrali tal-appalt, sija dwar id-data meta l-aperturi effettivament kienu f'pozizzjoni li jitkejlu, u kif ukoll dwar meta effettivament l-appalt gie terminat. Filwaqt li l-attur jishaq illi kien fl-ahhar ta' Gunju 2016 illi huwa ttermina l-appalt u dan meta s-socjeta` konvenuta rrifjutat li tiehu l-qisien tal-aperturi u gharrfitu illi ma kienx ser ikun possibbli li l-istallazzjoni ssir qabel Ottubru, l-istess socjeta` konvenuta da parti taghha tikkontendi illi s-sollijiet gew istallati fl-ewwel gimgha ta' Awwissu meta l-fabbrika kienet diga` maghluqa u kien biss hawnhekk li gie tterminat l-appalt.

Il-Qorti tibda billi tosserva illi ghalkemm jidher li kien hemm qbil espress bejn il-partijiet fuq id-dizinn tal-aperturi u l-materjal li kellu jintuza fil-produzzjoni tal-profili, kif ukoll dwar il-prezz totali tal-appalt, ma sar ebda patt espress dwar it-terminu li fih kellu jitwettaq dan l-appalt u lanqas jirrizulta li l-obbligu tal-appaltatur li jfornixxi u jistalla l-aperturi, gie soggett espressament ghal xi kundizzjoni sospensiva illi l-qisien tal-aperturi, u l-konsegwenti ordni ghall-manifatturar, isiru biss galadarba jkunu tqieghdu s-sollijiet tal-irham tal-aperturi.

Dan premess, izda, il-Qorti tifhem illi l-qisien baqghu ma ttehdux minkejja li ghaddew mill-inqas sitt xhur mill-hlas tad-depozitu lis-socjeta` konvenuta, ghaliex wisq probabbilment sadakittant l-aperturi ma kienux effettivament f'kundizzjoni li jitkejlu minhabba l-istat ta' kostruzzjoni tal-fond. F'dan l-isfond, hija konvinta illi l-attur kien konxju illi effettivament l-aperturi kellhom jitlestew sa certu livell biex jistghu jittiehdu l-qisien u kwindi jsir l-ordni ghall-produzzjoni tal-profili.

Il-Qorti tqis ukoll illi huwa pjuttost ovvju illi l-manifatturar u produzzjoni tal-profili jehtiegu z-zmien biex jigu processati u ghalhekk hija inevitabbli l-htiega ta’ trapass ta’ numru ta’ gimghat bejn l-ordni u l-istallazzjoni tal-profili fuq il-post, anke minhabba esigenzi ta’ transport billi f’dan il-kaz jirrizulta illi l-manifatturar tal-profili kien ser isir minn kumpannija gewwa l-Italja filwaqt li l-istallazzjoni kellha ssir f’Malta.

B’zieda mal-premess, ma jirrizultax illi f’dan il-kaz l-appalt gie pattwit taht xi kundizzjoni rizoluttiva espressa, u kif inghad, ma ntweriex illi kien gie stipolat xi terminu li fih kellu jitwettaq l-appalt. Dan ifisser illi fir-rigward, japplikaw id-dispozizzjonijiet generali tal-Artikolu 1640 tal-Kap. 16 li jipprovdu illi min jaghti x-xoghol jista’ jholl, meta jrid, il-kuntratt, ghalkemm ix-xoghol ikun diga` beda.

In propositu, il-Qorti tibda billi tosserva illi din id-dispozizzjoni tal-ligi hija deroga ghall-principju bazilari tal-ligi tal-kuntratti illi f’kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku, l-ebda wahda mill-partijiet ma tista’ unilateralment tiddeciedi li tholl rabta kuntrattwali maghmula ma’ parti ohra. Fil-kuntratt partikolari tal-appalt, il-ligi trid li min jaghti x-xoghol, cioe` l-appaltant, jista’ jaghzel li jholl il-kuntratt meta jrid, tant illi l-ligi tippermetti espressament li l-hall jista’ isir anke jekk ix-xoghol ikun inbeda diga`. B’zieda ma’ dan, il-ligi tipprovdi wkoll illi l-appalt jinhall immedjatament malli min ikun ta x-xoghol jinforma lill-appaltatur, b’kull mezz li jkun, bid-decizjoni tieghu li jholl il-kuntratt, u dan bla htiega ta’ ebda awtorita` jew konferma mill-qorti. Din l-ghazla jkollha effett minnufih malli jinghata avviz lill-appaltatur, ikun kif ikun anke verbalment[10].

In propositu intqal hekk:-

[10] Artikolu 1640(5), Kap. 16.

*"Illi l-qofol ta' tali jedd huwa l-aspett unilaterali tiegħu u jidher li tali jedd huwa mibni fuq dak li jiddisponi l-artikolu 1671 tal-Kodiċi Ċivili taljan. Kif ġie mfisser f'dan il-kuntest, "tale diritto puo` essere fatto valere senza darne giustificazione alcuna e senza necessità di accettazione dell'altro contraente, trattandosi di recesso ad nutum, che si perfeziona con la notizia datane all'appaltatore e al prestatore d'opera, e che puo` essere esercitato in qualsiasi momento successivo alla conclusione del contratto, e, quindi, sia quando le opere non abbiano avuto ancora inizio, sia nel corso della loro esecuzione, sia in epoca prossima al loro compimento."*[11]

Illi madankollu, f'kaz bhal dan, hija relevanti ferm ir-raguni ghaliex il-kommittent jaghmel ghazla bhal din, u dan ghaliex jekk ikollu raguni tajba biex itemm l-appalt, il-kommittent ikun obbligat biss li jhallas lill-appaltatur somma rapprezentanti l-ispejjez tal-appaltatur u l-valur tax-xoghol wara li jittiehed qies tal-utilita` taghhom lill-kommittent, kif ukoll id-danni li jkun soffra l-istess kommittent[12], izda jekk, d'altronde, il-kommittent ma jkollux raguni tajba ghat-terminazzjoni tal-appalt, huwa jkun irid ihallas lill-appaltatur somma li ma teccedix l-ispejjez kollha li jkun nefaq u l-valur tax-xoghol moghti, flimkien ma' somma ohra skont kif prospettat fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 1640 tal-Kodici Civili.

Ikkunsidrat;

Ghaldaqstant, ghar-rizoluzzjoni tal-vertenza il-Qorti trid, qabel xejn tistharreg u tiddetermina jekk l-attur fic-cirkostanzi kellux raguni valida sabiex jittermina l-appalt, u dan ghaliex fin-nuqqas, ikun obbligat li jhallas lill-appaltatur l-ispejjez kollha u l-valur tax-xoghol kollu li jkun lahaq ghamel kif ukoll somma ohra kif diga` nghad.

Illi in materja gie ritenut hekk:-

---

[11] Cassazione **14.6.1972** no. 1870, citata f'**Cutajar Construction Limited vs Gregoire**, Appell Civili, deciza 29 ta' Marzu 2019.
[12] Artikolu 1640(3).

"*29. Illi dwar il-kwestjoni tar-raġuni għaliex l-appalt intemm, jingħad li huwa meqjus li dak li jikkostitwixxi raġuni tajba biex appalt jitwaqqaf mill-kommittent qabel il-waqt jista' jinġabar taħt il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. Għalhekk, meta l-liġi ssemmi "raġuni valida" wieħed irid jifhem din il-frażi fid-dawl tal-imġiba tal-appaltatur waqt l-eżekuzzjoni tal-appalt. Trid tkun raġuni li tolqot direttament it-twettiq tar-rabta kuntrattwali tal-appaltatur mal-appaltant fis-sens tal-prestazzjoni (jew nuqqas tagħha) tiegħu taħt il-kuntratt tal-appalt. "Raġuni tajba", għall-finijiet tal-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili ma tistax tinftiehem bħala "tajba għall-appaltant għax hekk jaqbillu". Li kieku dawk il-kelmiet kellhom jitfissru b'dak il-mod, ikunu jġibu fix-xejn id-dispożizzjonijiet oħrajn tal-istess artikolu dwar il-kumpens dovut lill-appaltatur;*

*30. Illi bi qbil ma' dak li għadu kemm issemma, joħroġ li tali nuqqas jista' jseħħ jew bl-għoti ta' xogħol ħażin u mhux skond is-sengħa; jew bl-għoti ta' xogħol li, għalkemm fih innifsu jkun sar tajjeb, ma jkunx dak li ġie mitlub jew miftiehem; jew bin-nuqqas ta' twettiq f'waqtu jew mogħti b'dewmien eżaġerat jew lil hinn miż-żmien miftiehem; jew inkella fejn, bix-xogħol mibdi, jkun jidher li qiegħda ssir ħsara lill-ġid tal-istess kommittent.*"[13]

Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-verzjoni tal-attur hija illi meta huwa informa lil Antonio Cascone illi s-sollijiet kienu waslu biex jigu istallati u tah id-data approssimattiva tal-istallazzjoni, dan irrifjuta li jiehu l-kejl tal-aperturi minghajr is-sollijiet u infurmah illi f'kull kaz kien tard wisq sabiex isir l-ordni ghall-manifatturar ghaliex il-fabbrika kienet ser tkun maghluqa u l-istallazzjoni ma setghetx issir qabel Ottubru. Skont l-attur, huwa ttermina l-appalt u gharraf lil Cascone illi kellu jqabbad kuntrattur iehor biex jaghmel il-profili, fl-ahhar ta' Gunju 2016[14]. Qal ukoll illi huwa effettivament qabbad kuntrattur iehor li seta' jiehu l-qisien u dan kien kejjel l-aperturi minghajr is-sollijiet tant illi x-xoghol kien lest fi ftit taz-zmien u gie istallat kollu fl-ahhar ta' Lulju, bidu ta' Awwissu 2016.

[13] **Cutajar Construction Limited vs. Pierre P. Gregoire**., *supra.*

[14] Affidavit tal-attur, u kontro-ezami tal-attur 7 ta' Frar 2019, fol. 55 *tergo*.

Is-socjeta` konvenuta tikkontendi izda, illi l-appalt ma giex terminat hlief fil-bidu ta' Awwissu meta Antonio Cascone qal li huwa mar fuq il-lant tax-xoghol u kkostata illi l-aperturi kienu finalment fi stat tajjeb li jittiehdu l-qisien ghall-finijiet tal-ordni, u gharraf lill-attur illi l-produzzjoni tal-profili setghet tibda biss fl-1 ta' Settembru 2016 biex l-istallazzjoni ssir f'Ottubru.

Madanakollu, il-Qorti tosserva illi l-verzjoni tas-socjeta` konvenuta illi l-aperturi kienu lesti biex jitkejlu fil-bidu ta' Awwissu 2016 giet kontradetta minn Sebastiano Vicario li kien imqabbad mill-attur bhala kuntrattur biex jaghmel fost ohrajn xogholijiet ta' elettriku kif ukoll kisi fil-villa tieghu. Dan ix-xhud qal illi f'Awwissu 2016 is-sollijiet tal-aperturi ma kienux kollha lesti u kien hemm uhud li ma kienux twahhlu. Sostna wkoll illi sa Awwissu huwa kien ghadu ma bediex ix-xoghol ta' kisi fil-fond tal-attur:- "*F'Awwissu is-sollijiet u l-kisi ma kienux lesti*"[15].

Il-Qorti hadet qies ukoll tal-fatt illi ghalkemm dan ix-xhud qal li kellu problemi mal-attur ghaliex huwa kien waqqfu milli jkompli x-xoghol gewwa l-villa sahanistra qabel lahaq beda x-xoghol tal-kisi inkluz tal-aperturi, u li dawn il-problemi sehhew bejn Lulju u Awwissu 2016, l-istess xhud qal ukoll, minghajr wisq certezza, illi huwa telaq minn fuq il-lant tax-xoghol f'Settembru jew Ottubru u ma regghax mar lura. Il-Qorti ma tqisx li tista' taghti wisq affidabbilita` lil din il-verzjoni meta evidentement il-perijodu taz-zmien indikat minn dan ix-xhud bhala z-zmien li gie mwaqqaf ikompli f'xogholu, jikkozza maz-zmien meta qal li telaq minn fuq il-lant tax-xoghol. Inoltre ma jidhrix illi dan ix-xhud kien prezenti meta l-attur ittermina l-appalt tas-socjeta` konvenuta.

Mehud qies tal-premess, il-Qorti ma tara xejn fl-atti li jikkontradixxi l-verzjoni tal-attur illi effettivament, huwa kien ittermina l-appalt tas-socjeta` konvenuta

[15] Fol. 61.

meta s-socjeta` konvenuta irrifjutat li tiehu l-qisien minghajr sollijiet u gie mgharraf li fid-data approssimattiva prospettata ghat-twahhil tas-sollijiet (li evidentement kienet xi zmien f'Lulju), kien ser ikun tard wisq biex ix-xoghol jigi manifatturat u istallat hlief qabel Ottubru 2016.

Mizmum ferm dak kollu premess u wara li fliet bir-reqqa l-atti u x-xhieda, il-Qorti tqis illi l-attur kien gustifikat li jesigi illi l-profili jitwahhlu qabel jidhol l-istagun tax-xita sabiex jigi evitat li ssir il-hsara fl-intern tal-proprjeta`. Galadarba huwa ppruvat ukoll, anke bix-xhieda ta' Sebastian Vicario, illi l-attur sab kuntrattur iehor li seta' effettivament jiehu qisien tajbin anke minghajr it-twahhil tas-sollijiet tal-aperturi u seta' b'hekk jipproduci x-xoghol fi zmien qasir u utili, tqis ulterjorment li l-attur kien gustifikat illi jirrifjuta illi jistenna sa Ottubru 2016 sabiex jigu istallati l-profili tal-aluminju fl-aperturi tal-fond tieghu. Dan ifisser illi bhala l-kommittent, l-attur kellu kellu kull dritt li ma jaccettax illi t-twettiq tal-appalt jigi sospiz bejn Lulju u Ottubru, u kwindi wkoll raguni valida biex jwaqqaf l-appalt u jqabbad kuntrattur iehor li seta' jipproduci x-xoghol tempestivament.

Il-Qorti, sabiex waslet ghal din il-konkluzjoni qieset fost ohrajn il-konsistenza fil-verzjoni tal-attur u l-fatt illi ma giex ippruvat illi kien gie espressament stipolat jew maqbul bejn il-partijiet illi x-xahar kollu ta' Awwissu kellu jigi eskluz mill-komputazzjoni taz-zmien mehtieg ghall-produzzjoni u istallazzjoni tal-profili. Oltre dan, il-Qorti m'hijiex konvinta lanqas illi l-istipolazzjoni dwar il-htiega tat-twahhil tas-sollijiet ghall-ezekuzzjoni tal-appalt, kien specifkatament maqbul jew kienet xi kundizzjoni *sine qua non* tal-appalt. Fi kwalsiasi kaz, anke kieku verament kien hemm qbil dwar it-terminu mehtieg ghall-produzzjoni u istallazzjoni tal-profili, u anke jekk kellu jigi accettat ghal mument illi l-aperturi kienu f'pozizzjoni li jitkejlu biss fil-bidu ta' Awwissu, dan ma jiggustifikax ir-rifjut tas-socjeta` konvenuta illi tlesti l-produzzjoni u l-istallazzjoni tal-profili

entro t-terminu minnha stess indikat ghall-finijiet ta' produzzjoni u istallazzjoni tal-profili, cioe` bejn 30 u 45 gurnata minn meta tigi sottomessa l-ordni.

Ikkunsidrat;

Illi permezz tat-tieni eccezzjoni minnha sollevata, is-socjeta` konvenuta tikkontendi illi x-xogholijiet ma sarux mhux ghaliex hija naqset mill-obbligi taghha, izda ghaliex ma kienx possibbli ghaliha twettaqhom minhabba inadempjenza tal-attur innifsu, li allegatament dam hafna ma jlesti xi xogholijiet li bil-fors kellhom jigu esegwiti qabel seta' jigi ordnatu l-profili ghall-aperturi.

Il-Qorti fehmet illi b'din l-eccezzjoni s-socjeta` konvenuta qieghda tinvoka l-eccezzjoni *adimpledum non est adimplendi*.

Izda l-Qorti ma taqbilx ma' din il-linja difensjonali tal-konvenuta u ghalkemm huwa minnu illi l-eccezzjoni ta' *adimpledum non est adimplendi* tista' tapplika fir-rigward ta' kwalunkwe kuntratt bilaterali, fejn min jonqos li jwettaq l-obbligazzjoni li jkun intrabat biha jkun responsabbli ghad-danni, huwa pacifiku illi biex din l-eccezzjoni ssib riskontru, irid jintwera illi l-kreditur tal-obbligazzjoni, f'dan il-kaz l-attur, ikun inadempjenti fl-obbligi tieghu.

Intqal hekk in propositu:-

"*Per exceptio inadempleti conractus si intende, come dice il termine stesso, un'eccezione che il debitore (in base a contratto bilaterale) che venga convenuto dalla contraparte per l'esecuzione della sua propria obbligazione, puo'opporre, se'la contraparte che agisce contra di lui, non abbia, essa stessa, adempiuto, o non sia pronto ad adempiere."*[16]

---

[16] *Giovanni Pacchione: Diritto Civile Italiano – Diritto Delle Obbligazioni* - citat b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fis-sentenza **Nazzareno Vassallo et vs Dr.Michael Caruana et**, deciza fl-20 ta' Gunju 2008.

Barra dan, huwa biss jekk jikkonkorru c-cirkostanzi kollha sotto-elenkati li tista' tigi sollevata b'success din l-eccezzjoni:

*"(i) L-inadempjenza tal-attur li tolqot xi obbligazzjoni tieghu trid tkun parti ntegrali mill-ftehim; (ii) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur; u (iii) irid ikun hemm proporzjonalita' bejn l-inadempjenza tal-partijiet u cioe' li n-nuqqas tal-attur relattivament ghall-prestazzjonijiet li huwa jesigi mill-konvenut tkun ta' certa gravita'."*[17]

Izda fil-kaz odjern, huwa evidenti li l-kontenzjoni tas-socjeta` konvenuta li kien l-attur stess li naqas milli jwettaq xi xogholiijet li allegatament kienu vitali ghall-ezekuzzjoni tal-appalt, ma tissodisfax il-htigijiet ghas-success tal-eccezzjoni ta' *adimplendi non est adimplendum.*

Diga` l-Qorti kkonkludiet illi ma ntweriex sodisfacjentement illi l-appalt ma giex ezegwit minhabba l-fatt li s-sollijiet ma kienux ghadhom twahhlu fl-aperturi, galadarba l-qisien eventwalment ittiehdu u l-profili twahhlu minn terz kuntrattur, minghajr sollijiet, u galadarba jezisti kuntrast bejn il-verzjoni ta' Antonio Cascone u tax-xhud tieghu dwar l-istat tal-aperturi f'Awwissu u dwar jekk il-kejl setax isir b'mod effettiv f'Awwissu, o meno.

Il-Qorti tifhem illi appaltatur ghandu jichad kull interferenza tal-kommittent jekk minhabba xi intromissjoni jew insistenza bhal din, ix-xoghol ma jkunx jista' jigi ezegwit skont il-htigijiet tas-sengha u l-arti[18]. Izda anke jekk ghal mument kellu jigi accettat fil-kaz in dizamina, illi l-htiega tas-sollijiet kienet kundizzjoni integrali tal-ftehim u htiega *sine qua non* sabiex jigi prodott xoghol utili u effettiv skont is-sengha u l-arti, u illi konsegwentement, is-socjeta` konvenuta kienet

[17] **Panta Marketing and Services Limited vs Joseph Brincat** – Qorti tal-Appell [Inferjuri], deciza 28 ta' Gunju 2011. Ara wkoll **Easysell Caterers (Gozo) Limited vs Benjamin Bonello et**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, 6 ta' Mejju 2010.

[18] *Non rite adimplendi contractus.*

gustifikata li ma twettaqx l-appalt jekk mhux f'kundizzjonijiet idonei, xorta wahda ma giex ippruvat illi n-nuqqas ta' tqeghid tas-sollijiet b'mod tempestiv kien dovut ghal xi inadempjenza da parti tal-attur u lanqas intwera illi din l-inadempjenza kienet verament u esklussivament imputabbli lill-attur innifsu. Ghall-kuntrarju, filwaqt illi mill-provi jirrizulta illi l-attur kien ghamel hiltu biex is-sollijiet jitlestew kemm jista' jkun malajr halli s-socjeta` konvenuta li kienet qed tirrifjuta li tibda twettaq l-appalt qabel dawn ikun imqieghdin f'posthom, tiehu l-qisien mehtiega[19], ma hemm ebda prova kwalsiasi fl-atti illi s-socjeta` konvenuta kienet gharrfet formalment lill-attur illi kien hemm xi dewmien fit-tqeghid tas-sollijiet li jista' jwassal ghal xi dewmien fit-twettiq tal-appalt lil hinn mit-terminu generalment mehtieg ghall-produzzjoni u istallazzjoni tal-profili.

Ikkunsidrat;

Stabbilit illi l-attur kellu raguni valida biex jittermina l-appalt, irid jigi stabbilit ukoll jekk l-appaltatur ghandux dritt illi jithallas ammont rapprezentanti l-ispejjez u l-valur tax-xoghol li jkun sar.

Issa fil-kaz in dizamina, m'huwiex kontestat illi l-appaltatur ma kienx lahaq kejjel l-aperturi u hemm qbil illi l-profili ma gewx immanifatturati u lanqas istallati. Effettivament, ma jirrizultax illi s-socjeta` konvenuta bdiet twettaq xi parti mill-appalt. Madanakollu, hi ssostni illi parti mid-depozitu illi hallasha l-attur, kienet ghaddietha lis-subappaltatur, l-azjenda Azzurra Finestre gewwa l-Italja sabiex jigi rizervat ghall-attur il-materjal mehtieg ghall-produzzjoni eventwali tal-profili tal-aluminju tal-aperturi mertu tal-ftehim *de quo*. Jigi osservat izda, illi s-socjeta` konvenuta baqghet ma sostanzjatx din l-asserzjoni, u fin-nuqqas ta' xi dokument li facilment seta' jigi prodott biex jevidenzja dan il-

[19] Ara kontro-ezami tal-attur, 7 ta' Frar 2019.

hlas, il-Qorti m'hijiex sodisfatta illi effettivament saru xi spejjez mis-socjeta` konvenuta b'rabta mal-appalt lilha moghtija.

L-istess ghandu jinghad rigward l-allegazzjoni tal-hlas da parti tal-istess socjeta` konvenuta lill-awtoritajiet Taljani in linea ta' taxxa fuq il-fattura datata 12 ta' Jannar 2016 b'rabta mad-depozitu li gie mhallas akkont tax-xogholijiet. Billi evidentement dan il-pagament sar in linea ta' depozitu akkont tal-prezz pattwit ghall-appalt, il-Qorti kienet tistenna illi tigi prodotta prova dokumentarja li turi illi effettivament, sar xi hlas ta' taxxa fuq din il-fattura anke ghaliex f'dan il-kaz jirrizulta illi l-appalt ma kienx ghadu beda jigi ezegwit u konsegwentement, il-hlas tal-prezz totali tal-appalt ma kienx ghadu dovut, wisq anqas iffatturat. Madanakollu, ma ngiebet ebda prova fir-rigward u fit-testimonjanza tieghu, Antonio Cascone baqa' ma ghamel ebda accenn ghas-somma ta' €1,352 li fir-Risposta tieghu giet indikata bhala s-somma li thallset gewwa l-Italja in linea ta' taxxa fuq il-valur mizjud.

F'din il-gabra ta' provi, il-Qorti ma tqisx illi gie ppruvat sodisfacjentement illi l-appaltaltur f'dan il-kaz is-socjeta` konvenuta, ghamel xi spejjez jew wettaq xi xoghol b'ezekuzzjoni tal-appalt lilu moghti. Konsegwentement, ma huwa dovut lilu ebda parti mill-hlas lilu effetwat bil-quddiem qabel il-hall tal-appalt.

Il-korollarju ta' dan huwa illi s-socjeta` konvenuta ghandha trodd lill-kommittent attur is-somma shiha ta' €7,500 lilu mhallas, liema somma jirrizulta b'mod inkontestat illi thallset lis-socjeta` konvenuta bil-quddiem ghat-twettiq tal-appalt.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, tilqa' t-talba tal-attur u tikkundanna**

**lill-istess socjeta` konvenuta Cascone Porte e Finestre s.r.l. sabiex trodd lill-attur is-somma ta' sebat elef u hames mitt Euro (€7,500) minnu mhallas in konnessjoni mal-appalt imfisser fir-Rikors promotur, bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-istess Rikors promotur, ossia mill-25 ta' Awwissu 2017.**

**L-ispejjez jithallsu wkoll mis-socjeta` konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**

**Dr Graziella Attard**
**Deputat Registratur**